MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 1052/2005

**Leonard Godfrey Nolan (I.D. 6871A) u martu Mary Rose (373664M) bhala kuraturi legali ta' binhom minuri Michael Nolan.**

**vs.**

**Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Novembru 2005 u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-atturi zzewgu fis-26 ta' Ottubru 1989 u fl-20 ta' Gunju 1990 twieled binhom minuri (li allura issa ghandu hmistax-

il sena) li inghata l-isem Michael James Nolan, irregistrat bic-certifikat tat-twelid numru 3008 tas-sena 1990 mahrug mir-Registru Pubbliku;

Illi fil-kaxxa apposita fuq il-lemin tac-certifikat tat-twelid fuq imsemmi mahruga mill-konvenut, l-istess Michael James huwa ndikat li huwa maghruf bhala ‘Michael’ u mhux “Michael James’;

Illi meta saret ir-registrazzjoni, l-attur Leonard Nolan, missier l-istess Michael James, indika b’mod car illi t-tifel kien ser ikun maghruf bhala Michael James fil-hajja ta’ kuljum;

Illi t-tifel huwa mghammed ukoll bhala Michael James, u dan jidher ukoll mic-certifikat tal-maghmudija tieghu, kif ukoll mill-passaport u c-certifikat ta’ l-identita’ mahruga lilu mill-Awtoritajiet tar-Renju Unit, *stante* li t-tifel ghandu wkoll nazzjonalita’ tar-Renju Unit;

Illi *inoltre* minn ckunitu dan it-tifel dejjem kien maghruf bhala ’Michael James’ u mhux bhala ‘Michael’, u dan ukoll fuq certifikati varji ta’ l-iskola u ohrajn;

Illi b’rizultat tar-registrazzjoni zbaljata, l-karta ta’ l-identita’ ma tistax tinhareg bl-isem “Michael James Nolan” izda “Michael Nolan”, u dan qieghed jikkawza problemi wkoll minhabba illi hemm diskrepanza bejn kif se tinhareg il-karta ta’ l-identita’ Maltija u l-passaport tar-Renju Unit u dokumenti ohrajn mahruga f’isem il-minuri Michael James;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi fuq bazi tal-provi migjuba, il-konvenut zbalja meta rregistra isem it-tifel bhala Michael u mhux Michael James;

2. Tordna korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid u konsegwentament tad-*data* mizmuma fir-*records* tar-registru fis-sens illi fl-ahhar kolonna, fuq nett, jizdied l-isem “James” wara l-isem “Michael”;

3. Taghmel kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni u bir-riserva ta’ kull dritt u azzjoni skond il-Ligi.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Leonard Godfrey Nolan u martu Mary Rose a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti mmarkati bhala Dok. ”A” sa Dok. “G” kif jidhru a fol. 4 sa 12 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh b’digriet tat-8 ta’ Novembru 2005 minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tas-7 ta’ Frar 2006.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 5 ta’ Dicembru 2005 a fol 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti ma joggezzjonax illi ssir korrezzjoni fl-Atti ta’ Twelid tal-minuri li hu registrat fir-Registru Pubbliku f’Malta u li jgib in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni 3008 tas-sena 1990 pero’ dan a bazi ta’ l-**artikolu 253 (2) tal-Kodici Civili** *stante* li ma jirrizulta l-ebda zball mi-naha ta’ l-esponent.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid in kwistjoni mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjes ta’ l-istanti *stante* illi l-proceduri titlob li l-persuna li taghmel in-notifikazzjonijiet tat-twelid ta’ tarbija li f’dan il-kaz kien l-attur Leonard Godfrey Nolan stess, tiffirma fuq l-Att tat-Twelid originali li dawk id-dettalji li ta huma korretti u ghalhekk kellu l-obbligu li jivverifika li l-informazzjoni li tnizzlet u nqrat lilu dak inhar tan-notifika

3. Illi jirrizulta mill-Att tat-Twelid imsemmi irregistrat fir-Regsitru Pubbliku li taht il-kolonna li tindika l-*“Ismijiet moghtija”* lit-tarbija l-attur indika l-ismijiet *“Michael James”,*

pero' taht l-*"Isem jew Ismijiet kif ghandha tissejjah"* l-missier indika l-isem *"Michael"* u din l-informazzjoni tintalab mid-Dipartiment *ai termini* ta' l-**artikolu 278 (d) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

4. Illi ghandha ssir d-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.**

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista ta' xhieda u lista ta' dokumenti esebiti a fol. 20 sa fol. 23 tal-process u d-Dok. "A" konsistenti f'kopja tac-Certifikat tat-Twelid Numru 3008/1990 esebit bhala Dok. "A" man-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smiegh b'digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri datat 8 ta' Novembru 2005 ghas-seduta tas-7 ta' Frar 2006.

Rat il-verbali tas-seduti tas-7 ta' Frar 2006 u 29 ta' Marzu 2006 quddiem din il-Qorti kif attwalment presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' Mejju 2006 fejn dehru Leonard Godfrey Nolan u martu Mary Rose Nolan li kkonfermaw bil-gurament taghhom id-dikjarazzjoni attrici annessa mac-citazzjoni attrici u dehru wkoll id-difensuri tal-partijiet li rremettew ruhhom ghall-provi fil-kawza u l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-31 ta' Mejju 2006.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi din hija kawza fejn l-atturi bhala rappresentanti u genituri ta' binhom l-attur Michael James Nolan li twieled fl-20 ta' Gunju 1990 qed jghidu li hemm zball fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess binhom Numru 3008/1990 u dan fis-sens li fil-kolonna fejn hemm indikat "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghanda tigi msejha" u ghalhekk fil-kaxxa apposita fuq il-lemin tac-certifikat tat-twelid imsemmi mahrug mill-konvenut, l-istess "Michael James" huwa ndikat li huwa maghruf bhala "Michael" u mhux "Michael James" meta huma mill-ewwel riedu li l-istess binhom ikun maghruf bl-isem ta' Michael James. Fil-fatt jghidu li hekk kien intenzjonat li jigi registrat u wkoll li minn dak in-nhar tat-twelid sallum l-istess iben il-konjugi Leonard Godfrey Nolan u Mary Rose Nolan, kien dejjem maghruf bhala u bl-isem ta' "Michael James", kif jinsab ukoll ikkonfermat mid-dokumenti esebiti mac-citazzjoni attrici.

Illi dan kollu gie kkonfermat mix-xhieda ta' l-istess atturi fis-seduta tal-25 ta' Mejju 2006 u wkoll mid-dokumenti kollha esebiti bhala Dok. "B" sa Dok. "G" u minn dan kollu jidher li fil-fatt isem iben il-konjugi Nolan huwa Michael James Nolan u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigi milqugha.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku biss inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li hemm zball fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur Michael James Nolan li twieled fl-20 ta' Gunju 1990 – Certifikat tat-Twelid Numru 3008/1990 - u dan peress li fil-kolonna fejn hemm indikat "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghanda tigi msejha" l-istess Michael James huwa ndikat li huwa maghruf bhala 'Michael' u mhux "Michael James" meta fil-fatt kellu jigi ndikat ukoll li kellu jkun maghruf u msejjah bl-isem ta'

"Michael James" u ghalhekk l-isem "James" ghandu jizdied ma' l-isem "Michael" fl-ahhar imsemmija kolonna b'dan li l-isem li bih l-istess tarbija ghandha tkun maghrufa ghandu jkun dak ta' "Michael James";

2. Tordna korrezzjoni tac-certifikat tat-twelid ta' l-istess Michael James Nolan li twieled fl-20 ta' Gunju 1990 – Certifikat tat-Twelid Numru 3008/1990 - u konsegwentament tad-*data* mizmuma fir-*records* tar-registru fis-sens illi fl-ahhar kolonna, fuq nett, fejn hemm indikat "Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghanda tigi msejha" jizdied l-isem "James" wara l-isem "Michael" b'dan li l-istess minuri hemm indikat ghandu jigi ndikat bl-isem li ghandu jissejjah bhala dak ta' "Michael James" skond kif hawn deciz;

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha rikjesti *in vista* ta' din id-decizjoni b'dan li l-istess minuri jigi ndikat li l-istess minuri ghandu jkun maghruf, kif fil-fatt huwa maghruf bl-isem ta' "Michael James" u tordna l-korrezzjonijiet kollha appositi skond il-ligi kif mehtieg fl-atti kollha relattivi ta' l-istess minuri konsegwenti ghal din id-decizjoni.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* **ta' l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjoni tal-**Kap 16**.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess atturi fil-kwalita' taghhom premessa, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------